missio

Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**

(VO/1178)

Qlub Imkebbsa

SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)



# Jum Missjunarju 2023: Qlub imkebbsa, Saqajn Mexjin

## *L-isptar li jaqdi l-eluf, kontra kull sfida!*

Għażiż/a

Nispera li din l-ittra qed issib lilek u l-maħbubin tiegħek f'saħħa tajba. Bħal kull sena, f'dan iż-żmien, Missio Malta għaddejja bil-preparamenti għall-Jum Missjunarju 2023 li din is-sena ser jiġi ċċelebrat mad-dinja kollha nhar il-Ħadd 22 ta' Ottubru.

Dan huwa jum importanti ferm għalina, għax fih nilqgħu l-istedina tal-Papa Franġisku sabiex ikollna Qlub imkebbsa u saqajn mexjin (Lq. 24:13-35), biex ngħixu l-Vanġelu mqaddes fil-prattika, u ngħinu lil min hu fil-bżonn. Għalhekk Missio tixħet dawl fuq il-ħidma li twettaq fil-pajjiżi tal-missjoni, u fuq l-istejjer u l-proġetti li qed iwasslu biex itejjbu l-ħajjiet ta' eluf ta' persuni.

Stejjer bħal dik ta' sptar limitatissimu fit-Tanżanija, li minn erbgħa kmamar kollox, u b'żewġ tobba biss, jaqdi l-bżonnijiet mediċi ta' eluf ta' persuni minn żona enormi.

Bla infermiera jew ambulanza, is-sena li għaddhiet dan l-isptar qeda 1,142 pazjent. L-isptar jinsab fi stat pjuttost ħażin, għax mit-tmeninijiet kemm ilu jopera, qatt ma kien hemm flus biex isir *refurbishment* - il-prijorità dejjem kienet li jissalvaw il-ħajjiet. F'dawn il-pajjiżi mard li għalina ma jfisser ebda tgħeddida, bħal Malarja, l-Ażma, in-Numonja, u d-Dijareja, hemm għadhom jaħkmu u jħallu qerda għax neqsin mill-iktar kura bażika.

Wieħed miż-żewġ tobba li jaħdem fl-isptar huwa Dr Brighton. Dan jaqsam il-ġurnata ma' tabib ieħor – wieħed jaħdem 12-il siegħa, u l-ieħor it-12 l-oħra. Huwa jistqarr kif spiss ikollu jagħżel lil min jikkura għax għal siegħat twal ikun waħdu filwaqt li t-tabib l-ieħor ikun qed jistriħ. L-għazliet li jkollu jagħmel Dr Brighton huma tal-waħx u huwa stess jirrakkonta kif darba waqt li kien qed jassisti mara li kienet qiegħda twelled, ġiet tfajla oħra għall-kura. Sakemm kienet qed tistenna li jmiss lilha, din laħħqet mietet fuq is-siġġu!

Dawn huma l-għażliet ibsin, u ta' ksur il-qalb, li dawn in-nies qed ikollom jagħmlu għax m'hemmx mod ieħor. ▶

Naturalment l-iktar li jbatu minn din is-sitwazzjoni huma l-iktar vulnerabbli – bħat-tfal, l-anzjani jew nisa tqal.

It-tobba bħal Dr Brighton, jafu li dawn mhux prattiċi mediċi tajbin, iżda jafu ukoll li ma jistgħux jagħmlu aħjar. Missio Malta temmen li hemm mod aħjar kif l-eluf ta' pazjenti tal-isptar fit-Tanżanija, ikunu moqdija. Inti tista' tgħin sabiex it-tobba ta' dan l-isptar ma jkollhomx għalfejn jagħżlu lil min ser isalvaw bil-kura tagħhom.

Ingħaqad magħna fil-Jum Missjunarju nhar il-Ħadd 22 ta' Ottubru, u agħti s-sostenn tiegħek kif dejjem għamilt lil Missio Malta. L-għajnuna tiegħek tista tagħmel id-differenza kollha!

Tagħkom fi Kristu,

**Fr Victor Agius**
*Direttur Nazzjonial*
*Missio Malta*

**Robert Farrugia**
*Kap tal-Komunikazzjoni u Ġbir ta' Fondi*
*Missio Malta*

***"Dan l-isptar jilqa' fih kull tip ta' pazjenti, b'kull xorta ta' mard, fosthom il-malarja, l-ażma, il-pulmonite, it-tifojde u d-dijarea."***
**Sor Grace**



***"Darba waqt li kont qed nassisti mara li kienet qiegħda twelled, ġiet tfajla oħra għall-kura. Sakemm kienet qed tistenna li jmiss lilha, din laħqet mietet fuq is-siġġu!"***
**Dott. Brighton**

